MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 1384/2001/1

**Alfred P. Fenech ghan-nom u in rappresentanza ta' l-assenti Paul sive Paolino Vassallo, Charles sive Carmelo Vassallo, Francesco sive Frank Vassallo u Carmelina sive Nicholina sive Lina mart Thomas King, lkoll residenti Stati Uniti tal-America**

**v.**

**Ivan sive John Azzopardi f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' bintu l-assenti Amanda Azzopardi**
**u l-Avukat Anthony P. Farrugia (jnr);u b'digriet tat-8 ta' Gunju 2009**

**Amanda Azzopardi giet dikjarata li qed tassumi l-atti tal-kawza peress li tinsab Malta permanentement.**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-29 ta' Mejju 2007, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:-
"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur nomine fis-27 ta' Lulju, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

"Illi l-attur Alfred P Fenech ghan-nom ta' l-principali tieghu Paul sive Paolino Vassallo, Charles sive Carmelo Vassallo, Francesco sive Frank Vassallo u Carmelina sive Nicholina sive Lina mart Thomas King flimkien ma ohrajn dehru fuq kuntratt ta' xiri u bejgh maghmul in atti Nutar Dr Peter Carbonaro tas-16 ta' Frar 1993 favur il-konvenuta Amanda Azzopardi relattiv ghad-dar bl-arja taghha sitwata is-Siggiewi, St James Street, li ggib in-numri tlettax (13) u erbatax (14) (ga hamsa (5) u sitta (6) tale quale fl-istat taghha attwali u bid-drittijiet u pertinenza taghha kollha liberu u frank, u dana versu il-prezz kumplessiv ta' LM 9,500 (disat elef u hames mitt Lira) pagabbli kif imsemmi fl-istess kuntratt;

"Illi r-rikavat nett ta' l-bejgh ammontanti ghal LM 9,000 (disat elef Lira) gie mizmum (bil-kunsens ta' l-attur nomine u l-bejjiegha l-ohrajn) mill-konvenut Dottor Anthony Farrugia li dak iz-zmien kien qed jagixxi bhala l-avukat ta' l-konvenuta Azzopardi u dana billi dak iz-zmien kien hemm pretensjoni vantata (privilegg) minn terza persuna (mhux parti ghall-kuntratt) liema pretensjoni illum giet sorpassata;

"Illi l-istess Avukat Farrugia kien informa lill-istess Alfred Fenech personalment li l-istess flus ser jinzammu

minghajr tnaqqsi f'ismu go "savings" account jew "Fixed deposit account" bl-imghaxijiet jakkrexxu favur l-bejjiegha u successuri taghhom;

"Illi sa fejn jaf l-attur, l-istess rikavat nett ta' flus, oltre imghaxijiet relattivi, ghadhom ghand l-Avukat Dottor Anthony P Farrugia (jnr);

"Illi l-attur nomine kif ukoll il-bejjiegha l-ohra avvicinaw diversi drabi lill-konvenuta Amanda Azzopardi kif ukoll lill-missierha Ivan sive John Azzopardi u l-konvenut l-iehor l-Avukat Farrugia sabiex jithallsu l-flus dovut lilhom izda dawn baqghu inadempjenti;

"Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Qorti m'ghandhiex:

"(1) Tikkundannahom ihallsu lill-atturi dawk il-flus kollha rapprezentanti r-rikavat nett ta' l-bejgh fuq imsemmi kompriz l-imghaxijiet relattivi li akkrexxu mis-16 ta' Frar 1993 sal-lum, jew is-sehem rispettiv ta' l-atturi ta' l-istess;

"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-protest datat 27 ta' Marzu 2001 u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tan-notifika ta' l-istess protest;

"Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attur nomine;

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

"1. Illi l-attur nomine ma jistax jesercita din l-azzjoni minhabba li l-prezz ghall-proprjeta huwa dovut b'mod indivisibbli lill-eredi kollha tal-wirt indiviz li jappartjeni biss in parte lill-attur nomine;

"2. Illi jesisti dissidju bejn il-konvenuta u il-vendituri tal-proprjeta in kwistjoni rigwardanti ir-regolarita tat-trasferiment li sar mill-vendituri a favur il-konvenuta, minhabba li irrizulta li xi firmatarji fuq il-kuntratt ma kienux debitament awtorizzati skond il-ligi sabiex jirrappresentaw

il-persuna li suppost kellhom jeffettwaw il-bejgh favur il-konvenuta;

“3. Illi l-attur nomine u l-persuni li suppost jirrappresentaw l-eredi vendituri tad-dar in kwistjoni gew interpellati inutilment sabiex jiehdu passi sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni;

“4. Illi ghalhekk sakemm tigi risolta din il-posizzjoni il-pagament mitlub mhux dovut;

“5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut nomine.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Anthony P Farrugia li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

“1. Illi l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur nomine, izda sa fejn hu gie involut fil-kwistjoni dwar il-proprjeta akkwistata mill-attur nomine u ohrajn, huwa kien qed jagixxi bhala avukat biss fl-interessi tal-klienta tieghu Amanda Azzopardi, u il-flus pretizi mill-attur nomine jappartjenu lilha;

“2. Illi minghajr pregudizzju l-attur nomine ma jistax jesercita din l-azzjoni minhabba li l-prezz ghall-proprieta huwa dovut b’mod indivisibbli lill-eredi kollha tal-wirt indiviz li jappartjeni biss in parte lill-attur nomine;

“3. Illi jesisti dissidju bejn il-konvenuta u l-vendituri tal-proprieta in kwistjoni rigwardanti ir-regolarita tat-trasferiment li sar mill-vendituri a favur il-konvenuta, minhabba li irrizulta li xi firmatarji fuq il-kuntratt ma kenux debitament awtorizzati skond il-ligi sabiex jirrappresentaw il-persuna li suppost kellhom jeffettwaw il-bejgh favur il-konvenuta;

“4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Avukat Dottor Anthony P Farrugia;

“Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

“Rat id-dokumenti esebiti u il-provi Ii gew prodotti;

“Rat in-Nota ta’ Osservazzjonijiet ta’ l-attur nomine ta’ 4 ta’ Dicembru 2006.

“Rat illi minkejja li l-Qorti akkordat iz-zmien lill-konvenuti sat-30 ta’ Marzu 2007 sabiex jipprezentaw Nota ta’ l-Osservazzjonijiet huma naqsu li jaghmlu dan.

“Rat id-digrieti l-ohra ta’ din il-Qorti.

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat :

“Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-16 ta’ Frar, 1993 l-attur nomine kien deher fuq kuntratt ghan-nom tas-Sinjuri Vassallo li jghixu barra minn Malta u, skond l-istess attur, kien gie mitlub mill-istess Sinjuri Vassallo sabiex jiehdilhom hsieb xi proprjeta li kellhom Malta in vista tal-fatt li jghixu barra minn Malta u fuq dan l-istess kuntratt kien deher Dr Anthony Farrugia, il-konvenut, ghax-xerrej u cioe` ghal Amanda Azzopardi, li kienet tghix l-Ingilterra. Effettivament Dr Anthony Farrugia kien qed jassisti lil Ivan Azzopardi li kien deher ghall-assenti Amanda Azzopardi fuq dan il-kuntratt. Illi irrizulta mix-xiehda tal-attur nomine illi l-flus li kienu jirrapprezentaw il-prezz tal-proprjeta` lil inbieghet permezz ta’ dan il-kuntratt ma thallsux lill-attur nomine u dana peress illi kienu miftehmin illi il-flus kienu ser jigu mizmuma minn Dr Anthony Farrugia, peress li kien hemm xi pretensjonijiet vantati minn terzi fir-rigward ta’ konvenju li kien sar precedentement. L-attur xehed illi din il-pretensjoni vantata minn terzi kienet tirrigwarda xi elfejn lira, mentri l-konvenut Dr Farrugia kien insista li jzomm il-prezz kollu hu. L-attur kompla jixhed illi kull meta

kien jitlob lil Dr. Farrugia sabiex jaghtih il-flus, Dr Farrugia kien jghidlu li kien hemm il-kawza pendenti u li ma setghax ihallas qabel ma tispicca din il-kawza. Irrizulta illi fil-mori ta' din il-kawza din il-pendenza giet deciza b'mod definittiv mill-Qorti u l-attur kien mar diversi drabi ghand Dr Farrugia sabiex jaghtih il-flus, izda il-konvenut Dr Farrugia kien jghidlu li ma setghax ihallas peress li ried jirranga xi affarijiet tieghu. Darba minnhom kien qallu li kien hemm xi kwistjoni fuq il-kuntratt peress li l-kuntratt kien sar hazin u kien hemm xi persuni li kienu iffirmaw ghand-nom ta' nies li kienu mejtin u kien qallu li kien ser ifittex ghad-danni. L-attur kompla jixhed, u dan jirrizulta wkoll mill-provi prodotti, illi fil-kuntratt hemm imnizzel certa Maria "spinster", u irrizulta li din Maria imnizzla fil-kuntratt kienet mietet xi tlett snin qabel ma sar il-kuntratt. L-attur xehed li din Maria kienet mietet xebba u hutha kienu l-eredi taghha, l-istess hutha li kienu dehru fuq il-kuntratt sabiex jinbiegh il-post. L-attur xehed illi kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenut Dr Anthony Farrugia kien laqqa lil bejjiegha kollha u dakinhar kien qalilhom li ma setghax ihallas peress li kellu cekk wiehed biss. L-attur nomine kien issuggerhielu li jaghmel cekk wiehed ghas-somma kollha fuq isem wiehed. Ghall-ewwel Dr Farrugia qabel, izda sussegwentement ma qabilx u ghalhekk il-hlas ma sarx. L-attur nomine ikkalkula li ghan-nom ta' l-ahwa Vassallo ghandu jiehu mill-prezz kollu totali s-somma ta' tlett elef u mitt lira Maltija (LM3,100). Il-prezz kollu kien ta' disa telef u hames mitt lira (LM 9,500), pero' kienet thallset is-somma ta' hames mitt lira (LM 500) bhala senserija. Kienet saret ukoll laqgha ohra ma Dr Farrugia fejn kien ukoll prezenti in-Nutar Henri Vassallo. In-Nutar Vassallo kien spjega li kien hemm problemi naxxenti mill-kuntratt u li kien ikun ahjar li kienu isir att korrettorju sabiex jirrimedja dawn l-izbalji, izda Dr Vassallo ma xtaqx jidhol fil-bicca hu. L-attur a fol. 27 tal-process xehed hekk "Biex inkun aktar preciz, nghid illi wara li gie iffirmat il-kuntratt in kwistjoni, Dr Farrugia kien zamm ic-cekk ghandu u cioe` ic-cekk tax-xerrej, u kien qalilna li dan ic-cekk kien ser jzommu biex tigi kjarifikata is-sitwazzjoni u x-xerrej seta' jiehu pussess formali tal-proprjeta In kwistjoni. Jiena nikkonferma ukoll illi c-cavetta inghatat lix-xerrej, cioe` lil Azzopardi dak il-hin li sar il-kuntratt.

Nikkonferma li x-xerrejja dahlu fil-pussess tal-post dakinhar li sar il-kuntratt.” L-attur kompla jixhed illi meta l-konvenut Dr Anthony Farrugia iddecieda li jzomm ic-cheque hu kien informa lil kulhadd li kien ser jaghmel hekk, huma ma kellhom l-ebda problema u skond l-attur nomine Dr Farrugia kien qal li kien ser jiddeposita l-ammont go kont fiss u huma jkunu jistghu jiehdu l-imghaxijiet eventwali.

“Ikkunsidrat :

“Illi irrizulta mill-provi illi l-kawza imsemmija illi dwarha kien hemm pendenza ma terzi kienet giet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Mejju 1998 fl-ismijiet l-Avukat Dr Anthony Farrugia nomine et vs Anthony u Emanuel ahwa Baldacchino nomine et.

“Illi l-attur nomine ipprezenta rikors fejn gab a konoxxenza tal-Qorti illi f’din il-kawza fuq imsemmija l-konvenut Dr Anthony Farrugia kien fil-fatt ippatrocina lill-attur nomine u lill-vendituri l-ohra imsemmija fil-kuntratt maghmul in atti Nutar Peter Carbonaro. Fl-istess rikors tieghu l-attur nomine issottometta illi fl-atti imsemmija Dr Farrugia kien ippatrocina lil vendituri kollha, kif ukoll lil Amanda Azzopardi u dan wara illi fl-istess atti il-konvenut Dr Anthony P Farrugia kien stqarr u ipprometta li kien qed izomm parti mill-prezz tal-bejgh sakemm tigi rizolta il-kwistjoni tal-pretensjoni imsemmija. Il-konvenut Dr Anthony Farrugia irrisponda ghal dan ir-rikors billi issottometta illi huwa kien parti fil-kawza imsemmija espressament “bhala mandatarju specjali tal-assenti Mandy Azzopardi” flimkien mal-partijiet l-ohra inkluz l-attur odjern, ghaliex dawk il-partijiet l-ohra kienu il-proprjetarji meta gie registrat privilegg specjali fuq il-fond mibjugh lill-konvenuta odjerna Mandy Azzopardi. Dr Farrugia qabel illi huwa kien ukoll l-avukat firmatarju fuq ic-citazzjoni, izda issottometta li dan ma jibdilx il-posizzjoni originali tieghu bhala mandatarju ta’ Mandy Azzopardi meta hi fdatlu flusha meta sar il-kuntratt ta’ bejgh favuriha. Dr Farrugia issottometta wkoll illi huwa agixxa f’dik il-kawza ukoll bhala avukat ghan-nom tal-vendituri l-ohra ghax hekk kien jaqbel lilhom ghall-ekonomija tal-ispejjez, ghaliex kien

hemm interess komun bejn il-mandanti tal-Avukat Farrugia u l-atturi l-ohra. Illi sussegwentement Dr Testaferrata Moroni Viani iddikjara illi l-attur nomine ma kienx qieghed jinsisti illi jinghata provvediment dwar ir-rikors tieghu tat-18 ta’ Settembru 2002, izda irrizerva li jekk ikun il-kaz jitlob li jinghata provvediment dwar l-istess rikors fi stadju ulterjuri.

“Illi irrizulta illi l-attur nomine qatt ma talab li jinghata provvediment dwar l-istess imsemmi rikors.

“Ikkunsidrat:

“Illi xehed George Galea imsejjah mill-attur nomine u qal illi l-mara tieghu kellha sehem mill-fond in kwistjoni u li hu kien prezenti meta gie ippubblikat il-kuntratt in atti Nutar Dr Peter Carbonaro. Is-Sur Galea xhed illi huma ma kienux thallsu il-prezz tal-fond li gie trasferit u dana peress illi l-Avukat Anthony Farrugia kien zamm ic-cekk relattiv ghall-prezz peress illi huwa kien qed jghid illi kellu jivverifika stante li kien irrizulta li kien hemm xi hadd mejjet minn dawk li bieghu l-fond in kwistjoni. Ix-xhud ikkjarifika illi Dr Farrugia ghall-ewwel kien qieghed jghid li kien hemm xi pendenzi ma certu Baldacchino li mieghu huma kienu ghamlu konvenju ghall-bejgh ta’ l-istess dar u fil-fatt dan Baldacchino kien ghamlilhom kawza; liema kawza giet deciza u rebhuha huma. Wara li spiccat din il-kawza, skond ix-xhud, Dr Farrugia beda jghid illi huwa kellu jaghmel xi verifiki peress li kien irrizulta li xi hadd li deher fuq il-kuntratt kien mejjet meta sar l-kuntratt. “Ix-xhud qal illi huwa ma kienx fittex lil Dr Farrugia sabiex ihallsu dawn il-flus, izda kien ghamel rapport lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Ix-xhud ikkonferma li l-flus ghadhom ghand Dr Farrugia u illi Dr Farrugia ma tahom l-ebda dettalji dwar f’liema bank qeghdin il-flus. Is-Sur Galea xehed illi kien prezenti ghall-laqgha li kienet saret ma l-Avukat Anthony Farrugia u man-Nutar Henri Vassallo, fejn issemma li xi hadd li kien deher fuq il-kuntratt kien mejjet meta gie iffirmat l-imsemmi kuntratt u xehed ukoll illi iltaqa diversi drabi mal-konvenut l-Avukat Farrugia, madwar sitt darbiet, u li kull darba kien jitolbu biex jaghtihom il-flus izda hu kien jghidlu li dan ma

setghax jaghmlu peress illi kien hemm il-kwistjoni li kienet dehret persuna fuq il-kuntratt meta din kienet mejta meta sar il-kuntratt.

“Ikkunsidrat:

“Illi xehed il-konvenut Ivan sive John Azzopardi illi ikkonferma illi huwa kien innegozja ix-xiri tal-fond St James Street is-Siggiewi minghand is-sidien ghan-nom ta’ bintu, li kienet taghtu d-debita prokura. Huwa ikkonferma illi l-prezz ma thallasx fuq il-kuntratt peress li kien hemm il-kwistjoni jekk is-sidien kollha kienux dehru fuq il-kuntratt. Huwa xehed illi ghadda il-bilanc tal-prezz lil Dr Anthony Farrugia. Huwa qal illi l-post kien f’idejhom u huma juzawh u ikkonferma li madanakollu sal-lum ghadu ma thallas xejn mill-bilanc tal-prezz dovut. Gieli jigu xi sidien u jistaqsuh meta ser jithallsu u hu jirreferihom lil Dr Anthony Farrugia. Huwa xehed illi sa fejn jaf hu il-kwistjoni ghadha mhix rizolta peress li ghadu ma giex stabbilit min effettivament ghandu jidhol minflok dak is-sid li huwa mejjet. Hu qal illi l-bilanc dovut huwa ta’ cirka disat elef lira (LM 9,000). Izda, in kontro-ezami, Ivan Azzopardi xehed illi fil-fatt ma kienux hallsu lill-vendituri meta gie iffirmat il-kuntratt peress li kien hemm xi problema dwar terzi li kienu skrivew ipoteka jew privilegg fuq il-fond u kien ghalhekk li ma hallsux u kellhom ihallsu wara li jehilsu minn din il-problema. Qal ukoll illi saru jafu dwar il-kwistjoni tal-venditur mejjet waqt li kienu qeghdin jaghmlu x-xogholijiet u ghalhekk wara li kien sar il-kuntratt.

“Illi xehed ukoll in-Nutar Henri Vassallo. Huwa xehed illi l-hsieb kien illi isir kuntratt iehor u l-flus jithallsu lil vendituri. Hu kien gie imqabbad biex jaghmel hekk mill-Avukat Farrugia, izda in-Nutar sab xi problemi peress illi kien hemm xi nies illi lahqu mietu anke mid-data ta’ meta kien sar il-kuntratt. Huwa xehed illi qal lil dawk kollha prezenti biex imorru jirrangaw il-kuntratt originali ghaliex ma kienx qieghed tajjeb u qal illi sa certu punt hasel idejh minn din il-bicca xoghol ghaliex ma kienx hu li kien involut l-ewwel darba.

“Illi xehed ukoll in-Nutar Peter Carbonaro u qal illi dakinhar illi huwa ghamel il-kuntratt in kwistjoni kien diga thallsu s-somma ta’ hames mitt lira (LM 500) indikati fil-kuntratt u il-bilanc kif indikat fil-kuntratt thallas dak il-hin. In-Nutar Carbonaro xehed illi meta gew biex jaghmlu l-kuntratt lahqet mietet wahda mill-vendituri, cioe` Maria Farrugia, pero’ hu ma kienx gie infurmat li kienet mietet u hu ma indunax meta ippubblika il-kuntratt li kien hemm firma wahda nieqsa. In-Nutar xehed illi ghalih din ma kienitx tikkreja problema ghaliex Maria Farrugia kienet xebba, ma kellhiex tfal u fit-testment li ghamlet halliet bhala werrieta taghha lil hutha kollha, cioe` dawk kollha li dehru fuq il-kuntratt in kwistjoni, u dan irrizultalu mir-ricerki kollha li huwa kien ghamel; liema ricerki huwa fil-fatt esebixxa f’dawn il-proceduri.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed ukoll il-konvenut Dr Anthony Farrugia imsejjah mill-attur. Dr Farrugia xehed illi x-xerrejja saru jafu illi kien hemm negozju iehor bejn il-vendituri attwali u kumpannija jisimha Mantuan Limited rapprezentata minn certa Baldacchino u dawn kienu iskrivew privilegg kontra l-proprjeta minhabba xi xogholijiet li kienu saru. Dr Farrugia ta parir lill-klijenti tieghu sabiex jipprocedu biex iwaqqghu dan l-privilegg u sar ftehim bejn il-partijiet illi l-flus tal-klijenta tieghu, li riedet assolutament tixtri l-fond, jibqghu ghandu sakemm din il-kwistjoni tigi solvuta. Mistoqsi mill-Qorti kienx hemm xi raguni partikolari ghaliex ma giex dikjarat hekk fil-kuntratt, Dr Farrugia irrisponda illi ghandu l-impressjoni li kienet giet redatta skrittura, izda fil-kuntratt ma jidher xejn u jidher illi fil-fatt il-flus ghaddew lill-bejjiegha mix-xerrej. Dr Farrugia a fol. 148 tal-process iddikjara illi l-flus kellhom jithallsu meta tigi rizolta din il-kwistjoni tal-privilegg li wara hafna zmien giet rizolta. Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn ma thallsux il-flus wara li l-kwistjoni giet rizolta, Dr Farrugia xehed illi kien iltaqa mas-sidien anke fil-prezenza tan-Nutar Henri Vassallo u hu ried ikun jaf x’porzjonijiet hemm involuti peress illi si tratta ta’ taqsim ta’ wirt. Mistoqsi mill-Qorti jekk setghax hallas lil xi hadd minnhom li jaghmillu ricevuta a saldu ix-xhud wiegeb li hu ried ikun cert li l-persuna li hu jhallas ikun

awtorizzat. Ma deherlux li setgha jhallas persuna wahedha in rapprezentanza ta' l-ohrajn ghaliex ma jafx jekk l-ohrajn ikollhomx pjacir illi tircievi l-flus kollha persuna wahda. Dr Farrugia kompla jixhed illi irrizulta waqt il-laqgha li kellu flimkien man-Nutar Vassallo illi kien hemm persuni li lahqu mietu minn meta kien sar il-kuntratt. Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn ix-xhud u n-Nutar Vassallo qaghdu jidhlu f'din il-kwistjoni, Dr Farrugia wiegeb li ried ikun cert li jhallas lill-persuni li jkunu intitolati li jithallsu. Il-Qorti irrimarkat illi l-kuntratt kien sar u sabiex sar il-kuntratt ma sabu l-ebda diffikulta u d-diffikulta sabuha biss meta gew biex ihallsu u l-Qorti staqsiet lil Dr Farrugia ghaliex ma hallasx lil wiehed jew inkella iddepozitaw il-flus u jehodhom min ghandu jehodom? Dr Farrugia irrisponda li kawza ma hemmx , izda huwa xtaq jaghmel att korrettorju, umbaghad ihallas. Il-konvenut Dr Anthony Farrugia kompla jixhed illi l-flus jinsabu ghandu u qeghdin f'current account, "client's account", izda kont kurrenti. Huwa ikkonferma wkoll illi huwa kien istitwixxa proceduri il-Qorti dwar il-privilegg li semma qabel u meta ghamel dik il-kawza kien deher ghall-partijiet kollha, ghal min kien qieghed ibiegh, kif ukoll ghal min kien xtara, u dana ghaliex kien fl-interess tal-klijenti tieghu.

"Illi f'dan il-mument il-Qorti irrimmarkat illi kien stramb illi ghaddew ghaxar snin u l-flus kienu ghadhom ma thallsux u invitat lill-partijiet sabiex jaraw jekk setghux jirrizolvu dawn l-affarijiet. Mistoqsi jekk kienx sar ftehim dakinhar stess tal-kuntratt fis-sens illi Dr Farrugia kellu jiddeposita il-flus f'savings account, Dr Farrugia xehed illi ma jiftakarx u illi hu l-flus iddepozitahom f'current account u mhux f'savings account.

"Ikkunsidrat:

"Illi waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2006 deher Dr Farrugia ghall-konvenuti u iddikjara li ma kellux provi xi jressaq. Kif diga intqal, il-konvenuti ma ipprezentaw l-ebda nota ta' osservazzjonijiet u ghalhekk il-Qorti ghandha biss quddiemha il-provi li ressqu l-atturi u n-nota ta' l-osservazzjonijiet ipprezentata mill-istess atturi.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-attur nomine ipprezenta l-kawza odjerna sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dawk il-flus kollha rapprezentanti r-rikavat nett ta’ l-bejgh imsemmi kompriz l-imghaxijiet relattivi li akkrexxu mis-16 ta’ Frar 1993 sad-data meta giet ipprezentata c-citazzjoni, jew is-sehem rispettiv ta’ l-atturi ta’ l-istess.

“Illi l-konvenut Ivan sive John Azzopardi nomine eccepixxa illi l-attur nomine ma jistax jezercita din l-azzjoni minhabba li l-prezz ghall-proprjeta` huwa dovut b’mod indivisibbli lill-eredi kollha tal-wirt indiviz li jappartjeni biss in parte lill-attur nomine. Din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine hija wkoll it-tieni eccezzjoni illi ta l-konvenut Dr Anthony P Farrugia u l-Qorti ser tibda sabiex tikkunsidra u tiddeciedi din l-eccezzjoni.

“Illi l-Qorti tara illi irrizulta mill-kuntratt illi gie ippubblikat fl-1993, illi l-vendituri dehru kollha solidament u thallsu solidament u hallew ircevuta lill-konvenuta Amanda Azzopardi. Irrizulta pero’ illi fil-fatt mhux hekk gara ghaliex kien sar ftehim verbali illi l-flus jinzammu mill-Avukat Farrugia illi kellu iroddhom lura wara li tigi solvuta il-kwistjoni ma terzi, Mantuan Limited.

“Illi gie ippruvat ukoll illi l-kwistjoni mat-terz giet solvuta fl-1998, cirka hames snin wara li gie iffirmat u ippubblikat il-kuntratt u skond kif miftiehem mill-partijiet kollha l-Qorti tara illi l-flus gew dovuti malli avverat ruhha din il-kundizzjoni, ghaliex effettivament il-pretensjoni mat-terz kienet giet rizolta.

“Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta’ l-attur nomine illi l-kawza odjerna tirrigwarda depositu u li ghandhom jigu applikati l-Artikoli 1891 sa 1924 ta’ l-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti taqbel ukoll illi mhux rilevanti il-kwistjoni dwar il-validita o meno ta’ l-att li permezz tieghu inbieghet il-proprjeta in kwistjoni aktar minn ghaxar snin ilu.

“Ikkunsidrat:

"Illi l-Qorti tiddisponi minn din l-eccezzjoni billi tichadha u tiddikjara illi l-prezz ghall-proprjeta` huwa dovut b'mod divizibbli u mhux b'mod indivizibbli. Ma hemmx dubbju illi l-attur nomine deher fuq il-kuntratt u biegh sehemu mill-fond in kwistjoni lill-klijenta ta' Dr Farrugia. Lanqas ma hemm dubbju illi l-bejjiegha kollha dakinhar ftehmu illi l-flus jigu depozitati ghand l-Avukat Dottor Anthony Farrugia u ghalhekk il-Qorti tirrespingi din l-eccezzjoni peress illi jirrizulta illi l-attur nomine kellu kull dritt illi jezercita l-azzjoni odjerna u apparti minn hekk huwa wkoll xehed illi l-ekwivalenti tal-kapital attribwibbli lill-attur nomine kalkolat fuq il-kapital ta' disat telef lira Maltin jammonta ghal tlett telef u mitt lira (LM3,100).

"Illi din il-kwota spettanti lill-atturi nomine tirrizulta mix-xhieda ta' Alfred Fenech a fol. 25 tal-process u kif diga intqal il-konvenuti ma ressqu l-ebda provi, wisq anqas xi provi sabiex jirribattu l-ammont dovut lill-attur nomine.

"Illi dwar it-tieni, it-tielet u r-raba eccezzjonijiet tal-konvenut nomine il-Qorti qeghda tirrispingi dawn l-eccezzjonijiet peress illi l-azzjoni odjerna ma tirrigwardax il-valida o meno ta' l-kuntratt ta' bejgh in kwistjoni, izda tirrigwarda il-flus li gew depositati ma l-Avukat Dottor Anthony Farrugia u li ghadhom ma thallsux lill-vendituri minkejja l-fatt illi minn dakinhar li gie ippubblikat il-kuntratt sal-lum ghaddew cirka erbaghtax-il sena.

"Illi kif diga` gie ippruvat, ix-xerrejja dahlu fil-pussess tal-fond in kwistjoni immedjatament wara li gie iffirmat il-kuntratt ta' bejgh in kwistjoni u qatt ma kellhom l-ebda problema ma hadd u lanqas ma gew intavolati xi kawzi minn xi hadd illi ivvanta xi dritt fuq il-proprjeta in kwistjoni, u dana minkejja li, kif diga intqal, ghaddew madwar erbaghtax-il sena minn meta gie iffirmat il-kuntratt ta' bejgh in kwistjoni.

"Il-Qorti ghalhekk, filwaqt li tirrispingi dawn l-eccezzjonijiet, tiddikjara illi r-regolarita` o meno tal-kuntratt tal-1993 huwa totalment irrilevanti billi r-relazzjoni principali hija d-depositu tal-flus.

“Illi ghal dak li jirrigwarda in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut ta’ l-Avukat Dr Anthony P Farrugia il-Qorti ser titratta l-ewwel eccezzjoni tieghu, u cioe` illi huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attur nomine. Il-Qorti ser tirrispingi din l-ewwel eccezzjoni ta’ l-Avukat Dottor Anthony Farrugia peress illi gie ippruvat bl-aktar mod car illi l-attur nomine ftiehem mal-konvenut Dr Anthony P Farrugia, flimkien mal-vendituri l-ohrajn, illi l-Avukat Farrugia kellu jzomm ghandu l-flus spettanti lilu u lill-vendituri l-ohrajn. Illi certament dakinhar gie krejat kuntratt bejn l-attur nomine u l-konvenut l-Avukat Dottor Farrugia ai termini tal-Artikolu 1891 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dakinhar illi gie iffirmat il-kuntratt l-attur nomine sar id-depositant u l-konvenut Dr Farrugia sar id-depositarju tal-flus spettanti lill-attur nomine. L-Avukat Farrugia kellu jzomm dawn il-flus sakemm tigi rizolta il-kwistjoni ma’ terzi liema kwistjoni effettivament giet rizolta fl-1998, u cioe` madwar disa snin ilu. Jirrizulta pero’ illi sal-gurnata tal-lum l-attur nomine ghadu ma hax il-flus spettanti lilu.

“Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni ta’ l-Avukat Dottor Anthony Farrugia, din diga giet trattata u l-Qorti diga irrispingiet din l-eccezzjoni u dan japplika wkoll ghat-tielet eccezzjoni ta’ l-Avukat Dottor Anthony P Farrugia li hija l-istess eccezzjoni moghtija mill-konvenut nomine bhala t-tieni eccezzjoni fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu.

“Illi dwar l-imghax il-Qorti rat l-Artikolu 1899 tal-Kodici Civili li jghid:

“Id-depozitarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta’ hwejgu” u ghalhekk tara illi l-imghax dovut lill-attur nomine ghandu ikun l-imghax li jithallas mill-bank meta l-flus ikunu gew depozitati f’“<u>savings account</u>”.

“Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u tirrispingi wkoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor

Anthony P Farrugia, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut Dr Anthony P Farrugia sabiex ihallas lill-attur nomine is-sehem rispettiv tieghu mir-rikavat nett tal-bejgh tad-dar sitwata is-Siggiewi, St James Street, li iggib in-numri 13 u 14, liema sehem rispettiv huwa ta' tlett telef u mitt lira Maltin (LM 3,100) kompriz l-imghaxijiet relattivi li akkrexxu mis-16 ta' Frar 1993 sad-data tal-hlas effettiv.

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif mitluba."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI IVAN SIVE JOHN AZZOPARDI, F'ISMU PROPRJU KIF UKOLL GHAN-NOM U IN RAPPRESENTANZA TA' BINTU ASSENTI AMANDA AZZOPARDI U L-AVUKAT DR. ANTHONY P. FARRUGIA (JNR)</u>**

2. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fid-29 ta' Mejju 2007, u interponew appell minnha. In succint l-aggravji taghhom huma s-segwenti:

i) L-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li ghalkemm irrizulta li l-appellat huwa biss wiehed mill-eredi li bieghu lill-appellant il-fond in kwistjoni, u li ghalhekk ghandhom biss sehem tal-prezz li thalla mill-kompratrici, l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda prova dwar it-tqassim tal-wirt u ghalhekk ma setghetx tiddeciedi kemm kien is-sehem tal-appellat;

ii) Illi ghalkemm l-ewwel Qorti ghamlet tajjeb li ttrattat biss dwar il-possibilita` li l-appellat jircievi sehemu, meta giet biex tiddeciedi, l-ewwel Qorti ddecidiet minghajr ma kellha l-provi necessarji sabiex tkun certa li kienet qeghda tikkanonizza sehem l-appellat u xejn izjed;

iii) It-tieni aggravju huwa dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti li kien hemm rapport guridiku bejn l-appellat nomine u l-appellant l-avukat Farrugia, u cioe` rapport bejn depozitant u depozitarju. Skond l-appellant dan kien zbaljat ghaliex huwa kien qed jagixxi bhala avukat tal-appellant Azzopardi u ma kellu l-ebda vinkolu mal-vendituri fuq il-kuntratt. L-appellant ikompli jghid li l-

Avukat Farrugia ma rcieva ebda flus minghand il-bejjiegha u li ghalhekk ir-rapport guridiku li kellu l-avukat Farrugia kien ta mandatarju tal-klijenta tieghu Amanda Azzopardi li jhallas bi flusha.

**<u>RISPOSTA TAL-ATTUR APPELLAT ALFRED P. FENECH NOMINE</u>**

3. L-appellat preliminarjament isostni li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Ir-rikors tal-appell huwa altament fieragh u ghandu jigi michud bhala tali. L-appellat ikompli li hemm diversi inezattezzi fir-rikors tal-appell u partikolarment meta jinghad - *"l-appellant l-Avukat Farrugia ma rcieva l-ebda flus minghand il-bejjiegha"*. Dan huwa hekk specjalment meta gie osservat mill-ewwel Qorti li l-istess appellant xehed fis-sens li l-flus huma depozitati ghandu. Fir-risposta tieghu, l-appellat jissottometti li fil-kawza in dizamina l-validita` o meno tal-atti m'hijiex rilevanti, ghaliex il-kwistjoni kollha tirrigwarda r-relazzjoni li nholqot meta l-vendituri kollha, inkluz l-appellat, qablu li jafdaw flushom ghand l-avukat appellant.

Ghal dak li jirrigwarda s-sehem tal-appellat ekwivalenti ghal tlett elef u mitt Liri Maltin (Lm3,100), dan irrizulta kemm mix-xhieda tieghu, mhux kontradetta, u kemm mill-kuntratt esibit fl-atti tal-kawza.

Mir-rikors tal-appell jirrizulta wkoll li l-konvenuti qeghdin jipprovaw jintroducu provi godda fl-istadju tal-appell u dan sabiex il-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Dan m'huwiex permess u partikolarment fid-dawl tar-risultanzi processwali.

Fl-ahharnett, l-appellat jissottometti li huwa jirrimetti ruhu ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti in vista tal-konsiderazzjoni straordinarja li l-appellant Farrugia qieghed imexxi l-konvenuti appellanti l-ohra. Di fatti l-ghazla tal-konvenuti Azzopardi tal-avukat ta' fiducja taghhom m'hijiex opportuna ghaliex filwaqt li l-konvenut Ivan Azzopardi xehed li l-flus jinsabu ghandu l-konvenut

Farrugia, issa l-appellant Farrugia qieghed ighid li qatt ma rcieva dawn il-flus.

4. Ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**FATTI MERTU TAL-KAZ**

5. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-konvenuti appellanti, din il-Qorti thoss li jkun aktar opportun li taghti sfond fil-qasir tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, kif ser jinghad:
a) Permezz ta’ kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro datat 16 ta’ Frar 1993, l-atturi appellati fost vendituri ohra kienu bieghu lil Amanda Azzopardi, wahda mill-konvenuti appellanti, dar bin-numru hamsa u sitta fi Triq San Gakbu, is-Siggiewi bil-prezz ta’ disat elef u hames mitt Liri Maltin (Lm 9500);

b) Ghalkemm fil-kuntratt hemm li dan l-ammont inghata lill-vendituri u li nghatat ricevuta, irrizulta li dawn il-flus effettivament qatt ma ghaddew lill-vendituri izda gew mizmuma mill-avukat Anthony P. Farrugia minhabba xi pretensjoni li kienet qeghda tigi vantata minn terzi fuq dan il-fond;

c) Irrizulta li l-avukat Farrugia kien prezenti meta sar dan il-kuntratt;

d) Il-kwistjoni pendenti li kien hemm fuq dan il-fond kienet tirrigwarda ipoteka generali li kienet saret fuq dan l-istess fond u dan permezz ta’ konvenju datat 12 ta’ Gunju 1992;

e) Irrizulta wkoll li l-avukat Anthony P. Farrugia kien fetah kawza li fiha kien qed jirrapprezenta kemm lix-xerrejja kif ukoll lill-bejjiegha sabiex tigi rizolta din il-kwistjoni;

f) Wara li din l-kawza giet deciza u l-vendituri avvicinaw lill-avukat Farrugia sabiex jithallsu s-somma ta’

dan il-bejgh, l-avukat Farrugia nfurmahom li hu kien se jkompli jzomm dan l-ammont ghaliex il-kuntratt ma' kienx validu peress li meta sar, xi persuni li kienu qeghdin jidhru bhala vendituri kienu mejtin fil-mument li sar dan il-kuntratt;

g) Din is-sitwazzjoni ma nbiddlitx u ghalhekk wiehed mill-vendituri fetah din il-kawza sabiex jithallas is-sehem tieghu ta' dan il-bejgh.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Essenzjalment dan l-appell huwa iccentrat fuq zewg aggravji. L-ewwel aggravju qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex taghmel ri-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u t-tieni aggravju huwa li l-ewwel Qorti ma fehmitx ir-rapport guridiku li kien hemm bejn il-konvenut appellant l-avukat Anthony P. Farrugia u l-appellat nomine.

7. Fl-ewwel aggravju, l-appellanti qeghdin isostnu li ghalkemm l-ewwel Qorti ma kellhiex quddiema ebda prova dwar it-tqassim tal-wirt, xorta wahda ddecidiet li s-sehem tal-appellat huwa ta' tlett elef u mitt Liri Maltin (Lm3,100). Dan l-aggravju jista' jintrabat ukoll ma' parti tat-tieni aggravju sottomess mill-appellanti, ossia li ma jistax jigi mitlub prezz, jew parti minn dan, ghall-bejgh li mhux perfett.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' dan l-aggravju, l-appellat nomine jirrispondi li dan is-sehem irrizulta kemm mix-xhieda tal-attur Alfred Fenech li ma kenitx kontradetta, u kemm mill-kuntratt li gie esibit fl-atti.

Fl-ewwel lok din il-Qorti tirreferi hawn ghall-principju issa ben assodat li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, m'ghandhiex tiddisturba facilment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk ma jkunx hemm ragunijiet impellenti. Dan maghdud, din il-Qorti tibqa' dejjem fid-dmir li tgharbel sew mill-gdid il-provi akkwiziti fl-ewwel istanza.

L-attur appellat, fix-xiehda tieghu, li tinsab a fol. 20 sa 31 tal-process, jikkonferma li huwa li qed jidher f'din il-kawza f'isem il-bejjiegha l-ahwa Vassallo, u li kkalkula li s-sehem taghhom mill-bejgh tal-fond *de quo* kien jammonta ghal cirka Lm3,100 minn l-ammont shih ta' Lm9,500.

Din id-dikjarazzjoni tal-attur nomine ma gietx kontradetta mill-kontroparti izda lanqas ma giet sopportata mill-istess attur nomine b'xi forma ta' dokumentazzjoni. It-talba li saret da parti tal-attur f'din il-kawza kienet sabiex l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dawk il-flus rikavati mill-bejgh, komprizi l-imghaxijiet jew is-sehem rispettiv tal-attur. Issa f'dan ir-rikors tal-appell, il-konvenuti baqghu jinsistu fuq dak li eccepew fil-bidu, jigifieri li l-attur ma jistax jezercita din l-azzjoni ghaliex il-prezz huwa wiehed indivizibbli u l-attur ghandu biss parti minn dan il-prezz u li hemm kwistjoni dwar ir-regolarita` tat-trasferiment.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tigi adita sabiex tindirizza zewg kwistjonijiet. L-ewwelnett il-punt dwar l-indivizibilita` tal-prezz u fit-tieni lok il-validita` tat-trasferiment li sar.

8. Huwa fatt li l-attur appellat qieghed jirrapprezenta l-familja Vassallo li ghandha dritt ghal sehem mill-prezz ta' dan il-bejgh. Ghalhekk bhala ko-proprjetarji flimkien mal-bejjiegha l-ohra ta' dan il-fond, l-attur appellat ghandu l-proprjeta` shiha ta' dan is-sehem, ai termini tal-Artikolu 495 tal-Kodici Civili, u jista' jaghmel dak kollu li huwa necessarju sabiex jissalvagwarda l-istess sehem. Fuq l-iskorta ta' dan il-principju, ghandu jsegwi li meta ssir azzjoni ghall-pagament tal-prezz, din tista' ssir anke minn wiehed biss mill-vendituri u li ma hemmx bzonn li ssir mill-vendituri kollha.

Ghalhekk l-attur appellat seta' jipproponi din il-kawza sabiex jithallas is-sehem tieghu biss. Ghal dak li ghandu x'jaqsam dwar kif l-ewwel Qorti ddecidiet li dan is-sehem huwa fl-ammont ta' Lm3,100, dan gie ddikjarat taht gurament mill-istess attur appellat u minhabba l-fatt li l-konvenuti appellanti ma gabu ebda prova li turi li dan

m'huwiex hekk, l-ewwel Qorti kienet korretta li accettat li dan kien jirraprezenta s-sehem spettanti lill-atturi appellati.

Rizolt dan il-punt, din il-Qorti se tikkonsidra issa l-validità o meno tal-imsemmi trasferiment fl-Atti tan-Nutar Peter Carbonaro datat is-16 ta' Frar 1993. L-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili jistipula li gej in propozitu:

"Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjetà tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej."

Ghalhekk minn dan isegwi li malli sar il-kuntratt bejn il-partijiet, u f'dan il-kuntratt il-partijiet kienu ftehmu dwar il-haga u l-prezz, dan il-bejgh ghandu jigi kkonsidrat bhala li huwa perfett u validu. Jekk il-konvenut appellant ried jattakka l-validita` o meno ta' dan it-trasferiment, dan missu ghamlu permezz ta' kontro-talba u mhux permezz ta' eccezzjoni. Fil-fatt, kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, din il-kawza kif proposta mill-attur appellat tirrigwarda azzjoni ghal pagament tal-prezz u ma tirrigwardax il-validità o meno tal-kuntratt in dizamina.

9. Ghaldaqstant fir-rigward ta' dik il-parti tal-aggravju li qeghda tattakka t-tip ta' azzjoni li ghamel l-attur appellat nomine u l-validità o meno tal-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Peter Carbonaro datat 16 ta' Frar 1993, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur appellat seta' jippromwovi l-azzjoni kif proposta u li l-kuntratt imsemmi huwa validu.

Ghalhekk dawn l-aggravji qeghdin jigu michuda.

10. It-tieni aggravju huwa dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti li kien hemm rapport guridiku bejn l-appellat nomine u l-appellant l-avukat Farrugia, jigifieri rapport bejn depozitant u depozitarju. Skond l-appellant, dan ir-ragjonament tal-ewwel Qorti kien zbaljat ghaliex huwa kien qed jagixxi bhala avukat tal-appellant Azzopardi u ma kellu l-ebda vinkolu mal-vendituri tal-kuntratt. L-appellant

ikompli jghid li l-avukat Farrugia ma rcieva ebda flus minghand il-bejjiegha u li ghalhekk ir-rapport guridiku li kellu l-avukat Farrugia kien biss dak ta' mandatarju tal-klijenta tieghu Amanda Azzopardi li jhallas bi flusha.

Qabel ma jigi kkonsidrat dan l-aggravju, din il-Qorti tirritjeni li ghandha ssir riferenza ghax-xiehda li nghatat mill-istess appellant, u dan partikolarment minhabba l-fatt li issa f'dan ir-rikors tal-appell, l-appellant qieghed isostni li qatt ma rcieva flus minghand il-bejjiegha.

L-appellant Farrugia xehed fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Gunju 2004, quddiem l-ewwel Qorti, u qal *inter alia* dan li gej:
"U sar ftehim bejn il-partijiet illi l-flus tal-klijenta tieghi, il-klijenta tieghi riedet assolutament tipprocedi bil-bejgh u sadanittant il-flus tal-klijenta tieghi kellhom jibqghu ghandi sakemm din il-kwistjoni tigi solvuta." ( ara fol. 147 tal-process)

Meta aktar 'il quddiem gie mistoqsi fejn qeghdin dawn il-flus, l-appellant Farrugia irrisponda hekk:
"Ghandi, go *clients account*." ……………………. Mizmumin bl-*instruction* biex meta tinhall din jithallsu." (ara fol. 154).

Aktar 'il quddiem, a fol. 160 tal-process, jelabora hekk:

"Il-flus, Sur Imhallef, jien ircevejthom direttament minghand il-klijenta tieghi permezz ta' *foreign transfer*. Hadd ma tani cekkijiet dakinhar tal-kuntratt."

Minbarra x-xiehda ta' dan l-appellant, din il-Qorti sejra tirreferi ghax-xiehda li nghatat ukoll minn partijiet li kienu prezenti meta sar dan il-kuntratt in dizamina. Huwa importanti li ssir riferenza ghal dawn id-depozizzjonijiet ghaliex jidher li hemm fihom numru ta' kontradizzjonijiet bejn dak li qeghdin jghidu l-atturi u dak li qieghed jghid issa l-konvenut appellant.

Meta xehed l-attur fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Frar 2002 (ara fol. 27 tal-process) jghid hekk:

“ Biex inkun ukoll aktar preciz, nghid illi wara li gie ffirmat il-kuntratt in kwestjoni, Dr. Farrugia kien zamm ic-cheque ghandu, cioe` ic-cheque tax-xerrej, u kien qalilna li dan ic-cheque kien se jzommu biex tigi kjarifikata s-sitwazzjoni u x-xerrej seta’ jiehu pussess formali tal-proprjeta` in kwestjoni.”

Ix-xhud George Galea, li kien prezenti meta sar dan il-kuntratt, jghid (ara fol. 67 tal-process) hekk:
“Nghid ukoll li ahna ghadna ma thallasniex ghar-rigward ta’ dan il-kuntratt, cioe` l-prezz tal-fond li gie trasferit ma giex imhallas lilna, u dana peress li l-avukat Anthony Farrugia zamm ic-cheque relattiv ghall-prezz …”

Importanti wkoll taht dan l-aspett hija x-xiehda tal-konvenut Ivan sive John Azzopardi, ghaliex din tikkonferma l-verzjoni tal-attur appellat. Huwa jghid (ara fol. 74 tal-process) hekk:
“Nikkonferma wkoll li jiena l-bilanc tal-prezz ghaddejtu lil Dr. Anthony Farrugia u ghalhekk il-bilanc tal-prezz jinsab fil-kustodja ta’ Dr. Anthony Farrugia.”

11. Tenut kont tas-suespost ghalhekk, din il-Qorti m’ghandhiex dubju li dawn il-flus *de quo* jinsabu ghand il-konvenut appellant u ma tistax tifhem kif l-istess konvenut avukat Farrugia seta’ jaghmel affermazzjoni fir-rikors tal-appell tieghu illi “ma rcieva ebda flus minghand il-bejjiegha”, meta dan il-fatt gie ddikjarat mhux biss mill-atturi appellati izda mill-konvenut appellant Azzopardi u mill-istess konvenut appellant Farrugia meta xehed quddiem l-ewwel Qorti.

12. Parti ohra minn dan l-aggravju testendi wkoll dwar ir-rapport guridiku li kien hemm bejn l-appellant Farrugia u l-vendituri. L-appellant Farrugia isostni li meta thallew ghandu l-flus minghand ix-xerrejja, huwa kien qed jagixxi fil-mansjonijiet tieghu *qua* avukat tal-appellanta Azzopardi, jigifieri l-bejjiegha, u li ma kellu l-ebda vinkolu mal-bejjiegha. Ghalhekk ighid li r-rapport guridiku li kien jinkombi lill-appellant Farrugia kien dak ta’ mandatarju.

L-appellant qieghed ghalhekk jattakka l-konsiderazzjoni maghmul mill-ewwel Qorti fis-sens li l-appellant Farrugia dakinhar tal-kuntratt kien qed jagixxi bhala depositarju u li kien hemm ftehim bejn l-attur nomine u l-appellant Farrugia li huwa kellu jzomm ghandu l-flus spettanti lill-vendituri.

F’dan ir-rigward din il-Qorti sejra taghmel riferenza kemm ghad-definizzjoni li tinghata lil mandatarju kif ukoll ghad-definizzjoni li tinghata lil depozitarju, li johorgu mil-ligi. Ai termini tal-Artikolu 1856(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16) insibu hekk:
“(1) Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna taghti lil persuna ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha.”

Min-naha l-ohra, fl-Artikolu 1891 insibu, hekk, provdut:
“Id-depozitu, in generali, huwa kuntratt li bih wiehed jircievi l-haga ta’ haddiehor, bl-obbligu li jikkustodiha u li jroddha in natura.”

Fil-kawza fl-ismijiet **Rev. Vincenzo Borg v. Giuseppe Caruana et.**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Ottubru 1950, l-Qorti kellha taghmel distinzjoni proprju bejn dawn iz-zewg kuntratti, dak tal-mandat u dak tad-depozitu. Dik il-Qorti ghamlet riferenza ghall-awturi Baudry-Lacantinerie u Pothier u kkonkludiet li d-differenza bejn mandat u depozitu hija s-segwenti:
“il depositario conserva semplicemente gli oggetti che gli sono affidati, mentre il mandatario li usa nell’interesse del mandante e in conformità alle istruzioni dal medesimo ricevute – Baudry-Lacantinerie, Del Mandato, para. 404.”

Kompliet ukoll telabora li sabiex jezisti depozitu:-

“fa d’uopo che lo scopo principale della tradizione sia unicamente che quegli cui vien fatta la tradizione s’incarichi della custodia di essa. Questo scopo forma il carattere essenziale del contratto di deposito, che lo distingue dagli altri contratti – Pothier, Del Deposito Cap. 1, para 9”

13. Ghalhekk dak li ghandha tara din il-Qorti huwa x’kien l-iskop jew l-intenzjoni tal-partijiet meta taw il-flus tal-bejgh f’idejn l-appellant Farrugia. Mill-provi jirrizulta li l-appellant inghata l-flus sabiex jikkonservahom sakemm kellhom jigu rizolti l-allegati kwistjonijiet relatati mal-bejgh. Malli rcieva dawn il-flus, l-appellant l-avukat Farrugia minn mandatarju tal-appellanta Azzopardi (li kienet ix-xerrejja), sar depozitarju ta’ dawn il-flus. Ghalhekk l-ewwel Qorti ddecidiet tajjeb meta kkonsidrat li r-rapport guridiku bejn l-appellant Farrugia u l-appellati kien wiehed ta’ depozitarju u mhux ta’ mandatarju.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud ukoll.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenuti appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto*, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti, komprizi interessi mid-data tas-16 ta’ Frar 1993, sal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------